

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6066 – Kia Motors Europe/Kia Motor SPA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/C 79/10)

1. Fl-4 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunissll (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Kia Motors Europe GmbH ("KME", il-Ġermanja), ikkontrollata b'mod indirett minn Hyundai Motor Company ("HMC", il-Korea), takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet in-negozju tad-distribuzzjoni bl-ingrossa tal-vetturi u *spare parts* relatati tal-Kia fl-Italja ("the Business", l-Italja), li bħalissa hija kkontrollata minn Kia Motors Italia SpA ("KMI", l-Italja), permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal KME: distribuzzjoni tal-vetturi u *spare parts* tal-Kia fl-Ewropa,
- għal HMC: manifattur globali ta' vetturi bil-mutur,
- għal the Business: l-importazzjoni u distribuzzjoni tal-vetturi u *spare parts* tal-Kia fl-Italja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6066 – Kia Motors Europe/Kia Motor SPA, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").